

22003D0133

L 331/70

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

18.12.2003

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 133/2003****tas-26 ta' Settembru 2003****li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE****IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem issir referenza għaliex bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-AnnessXXI mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 95/2003 tal-11 ta' Lulju 2003 (¹).
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2003 ta' l-10 ta' Frar 2003 li jadotta l-ispeċifikazzjoni-jiet tal-modulu ad hoc ta' l-2004 dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol li jipprovd ġħalihom ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (²), għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein,

**IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:****Artikolu 1**

Il-punt li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 18ad (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 246/2003) ta' l-Anness XXI mal-Ftehim:

"18ae. **32003 R 0247:** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2003 ta' l-10 ta' Frar 2003 li jadotta l-ispeċifikazzjoni-jiet tal-modulu ad hoc ta' l-2004 dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol li jipprovd ġħalihom ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 34, tal-11.2.2003, p. 5).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-adattament li ġej:

Dan ir-Regolament ma' japplikax għal-Liechtenstein."

**Artikolu 2**

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 247/2003 fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li għandhom ikunu ippubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE mal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

**Artikolu 3**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2003, sakemm in-notifi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru (ntbagħtu lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*)).

(¹) ĠU L 272, tat-23.10.2003, p. 32.

(²) ĠU L 34, tal-11.2.2003, p. 5.

(\*) Ebda rekwiżiti kostituzzjoni mhuma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 2003.

*Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

H. S. H. PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN

---